Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 2

It-Tlieta 8 ta' Lulju 2019

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fl-5:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Steven Grech – Sindku
Elenia Desira – Viċi Sindku
Janice Chetcuti – Kunsillier
Daniel Zerafa – Kunsillier
Stephen Caruana – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| 2.1 | Qari ta' ittri ta' apoloġiji |
| 2.1.1 | Ma kienx hemm. |
| 2.2 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti |
| 2.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti innumerata 1 kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 2.2.2 | Is-Sur Daniel Zerafa ppropona u s-Sur Stephen Caruana issekonda l-minuti tas-Seduta 1 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| 2.3 | Komunikazzjonijiet mis-Sindku |
| 2.3.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar iz-17 ta' Gunju 2019 flimkien mas-Sindku precedenti attenda laqgha mal- GRTU, Lands,l-Awtorita tal-Ippjanar, MOT u l-MTA sabiex jigu diskussa l-Imwejjed u s-Siggijiet tar-Ristoranti f'Marsaxlokk. |
| 2.3.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar it-18 ta' Gunju 2019 flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv attenda laqgha ma' l-MOT fejn gie diskuss il-Monti ta' Nhar ta' Hadd, il-Pjanta tal-Maghluq u l-emenda fil-ligi tal-Monti. Is-Sur Steven Grech informa lil-Kunsill li fil-jiem li gejjijn se tintbghat ittra lill-*Market Hawkers* rigward il-posti tal-Monti bil-qisien il-godda taghhom u se jinhareg it-*Tender* tal-pjanci ta' l-art sabiex il-posti jkunu numerati. Is-Sindku zied jghid li mhux se jaccetta li l-hinijiet tal-monti jibqghu sas-sitta imma se jissugerixxi li jkun hemm zewg hinijiet, wiehed ghas-Sajf u iehor ghax-Xitwa. |
| 2.3.3 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar it-3 ta' Lulju 2019 attenda laqgha mal-*Club* tal-W*aterpolo* fejn gie diskuss li ssir rikjesta lil-MTA sabiex terga' ssir it-tinda fil-pjazza kif ukoll jitpogga s-sellum tal-bahar go *St Peter's Pool*. |
| 2.3.4 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar l-4 ta' Lulju 2019 flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv attenda laqgha mal-GHRC fejn gie diskuss il-Pjan ta' Rigenerazzjoni f'Marsaxlokk fosthom, ir-rotta l-gdida tal *Coaches*, Ristoranti, *Reservoir* tat-tankijiet tas-Sajjieda u l-moll. |
| 2.3.5 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar l-4 ta' Lulju 2019 flimkien mas-Sur Daniel Zerafa u s-Segretarju Ezekuttiv attenda laqgha mal-*Malta International Festivals* sabiex tigi diskussa l-attivita li se ssir fuq il-bahar(*floating stage*), nhar l-10 ta' Lulju 2019 quddiem il-*pitch* tal-*Waterpolo* u l-Bajja ta' l-Ghar l-Ahmar f' Marsaxlokk. |
| 2.3.6 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar il-5 ta' Lulju 2019 flimkien ma' Sa Janice Chetcuti u s-Segretarju Ezekuttiv attenda laqgha mal-*Malta Libraries* sabiex tigi diskussa proposta ghal skema Finanzjarja *SPI*/10/2019 li harget mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali nhar l-20 ta' Mejju 2019. Is-Sur Steven Grech spjega li ghalkemm il-proposta tal-*Malta Libraries* kienet interessanti, kien hemm proposta ohra li kient ikkunsidrata. Is-Sindku nforma l-Kunsill li din il-materja se tigi diskussa fid-dettall waqt ir-rapporti sabiex jitiehed vot unanimu bejn il-Kunsilliera. |

| | |
|---|---|
| 2.3.7 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar il-5 ta' Lulju 2019 flimkien mas- Sur Daniel Zerafa, impjegat tal-Kunsill u s- Segretarju Ezekuttiv attenda laqgha mal-Kappillan, il-Pulizija u l-ghaqdiet tal-festa sabiex jigi diskuss l-*Clearance* tat-toroq u l-ittri li jridu jintbghatu lir-Ristoranti u l-*Market Hawkers* mhabba l-attivitajiet tal- gimgha tal-festa. |
| 2.3.8 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar il-5 ta' Lulju 2019 flimkien mas- Sur Daniel Zerafa u s-Segretarju Ezekuttiv attenda laqgha mal-Pulizija sabiex jigu diskussa emendi varji fil-*Bye-Laws.* |
| 2.3.9 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li kienet indbghatet ittra lir-Ristoranti sabiex nhar il-5,6, u 7 ta' Lulju 2019 bejn nofs il-lejl u s-sitta ta' filoghdu ikun hemm *Clearance* ta' l-Imwejjed u s-Siggijiet man-naha tal-bahar biex isir *Survey* li jaghmel parti mil-Pjan ta' Rigenerazjoni f' Marsaxlokk. |
| 2.3.10 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar is- 7 ta' Lulju 2019 kien iltaqgha mal-kuntrattur tas-*Soft Areas* tal-Kunsill sabiex tinaghta *Quotation* biex jinbidlu ix-xtieli tal-pjazza. |
| *Il-hin huwa 6:00pm u l-laqgha tal-Kunsill giet sospenduta sabiex individwu jkellem lill-Kunsill.* | |
| *Il-hin huwa 6:30pm u l-laqgha tal-Kunsill tkompliet.* | |
| 2.4 | Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri |
| 2.4.1 | Is-Sur Stephen Caruana staqsa: "Tindif wara l-Koperattiva tal-Pjazza?" Is-Sindku informa l-Kunsilliera li se jitnaddaf il-hmieg u t-trabijiet. |
| 2.4.2 | Is-Sur Stephen Caruana staqsa: "Arblu tad-dawl bla *cable* fuq il-pont?" Wara diskussjoni libera gie deciz li l-Kunsill ghandu jkellem lil-Kuntrattur tad-dawl. |
| 2.4.3 | Is-Sur Stephen Caruana staqsa: "Kaxxa tad-dawl tal-hadid bla dawl biex titnehha?" Wara diskussjoni libera gie deciz li l-Kunsill ghandu jkellem lil-Kuntratur tad-dawl. |
| 2.4.4 | Is-Sur Stephen Caruana staqsa: "*Service Pillars* godda fuq il-pont u l-Maghluq?" Is-Sindku informa l-Kunsilliera li ghandha ssir talba lill-*Fisheries*. |
| 2.4.5 | Is-Sur Stephen Caruana staqsa: "*Culvert* u problema tal-ilma Triq Melqart?" Wara diskussjoni libera gie deciz li ghandu jsir *Culvert* mill-Kunsill. |
| 2.4.6 | Is-Sur Stephen Caruana staqsa: "*Patching* qabel il-Kalanka?" Is-Sindku nforma lil-Kunsiliera prezenti li se jkellem lill-Minsitru koncernat. |
| 2.4.7 | Is-Sur Stephen Caruana staqsa: "*Sotto* Kumitati?" Is-Sindku nforma lil-Kunsilliera prezenti li s-Sotto Kumitati prezentati mill-Kunsillier Stephen Caruana relatati mas-Sajjieda u l-Attivitajiet Socjali huma accettati. |

| 2.5 | Rapporti |
|---|---|
| 2.5.1 | - Is Segretarju Ezekuttiv talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex is-Sindku jkun il-firmatarju l-gdid tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv hekk kif mitlub bil-ligi.<br><br>- Is-Segretarju Ezekutiv prezenta it-tieni *Quarterly Financial Report* tas-sena 2019 u ddiskuta l-qaghda finanzjarja tal-Kunsill.<br><br>- Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsiliera li temporanjament giet mahtura Deputat Segretarju Ezekuttiv tal -Kunsill Lokali ta' Hal Tarxien sakemm jinhatar Segretarju Ezekuttiv permanenti.<br><br>- Is-Segretarju Ezekuttiv informa lil-Kunsiliera li kienu ngabru tlitt *quotations* sabiex titranga l-binja tal-Kunsill min gewwa. Sa Emma Vella infurmat lill-Kunsill li sabiex titranga l-gallarija kien hemm bzonn li ssir laqgha mal-Perit flimkien ma Sid il-kera tal-binja u tindbghat appikazzjoni lil-Awtorita ta' l-Ippjanar. Wara diskussjoni libera gie deciz li l-Kunsill ghandu jkellem lil Sid il-kera sabiex il-kera ma' tgholiex bhala kumpens ghall-ispejjez tal-gallarija.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata l-1 ta' Lulju 2019 mingħand il-Ministeru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali l-Kunsillera gew infurmati bi zjara mill-Ministru sabiex jiltaqgha mas-Sindku, Vici Sindku u l-Kunsilliera eletti nhar it-Tnejn 29 ta' Lulju 2019.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata l-1 ta' Lulju 2019 mibghuta minghand l-Ghaqda Muzikali Madonna ta' Pompei il-Kunsill ge nfurmat b'rikjesta sabiex il-Kunsill jikollabora ma' l-ghaqda. Wara diskussjoni libera gie deciz li l-Kunsill ma' jistax' jikolabora finanzjarment ghax skond il-ligi il-Kunsill irid ikun l-organizzatur.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata l-4 ta' Lulju 2019 mibghuta minghand l-Ghaqda dilettanti tan-nar Pompei il-Kunsill ge nfurmat b'rikjesta sabiex il-Kunsill jikollabora ma' l-ghaqda u johrog il-permessi necessarji sabiex isiru attivitajiet ghall-festa. Wara diskussjoni libera gie deciz li l-Kunsill johrog il-permessi necessarji pero' ma setax jisponserja lill-ghaqda ghar-raguni li legalment ma setghax.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata l-27 ta' Gunju 2019 mingħand l-*Aquaculture Resources Ltd* il-Kunsilliera gew infurmati li l-Project Manager u CEO tal-federazjoni tixtieq tiltaqgha mal-Kunsill sabiex tiddiskuti l-impenn ta' l-operatur flimkien mal-federazzjoni biex ikun protett l-ambjent. Wara diskussjoni libera gie deciz li l-Kunsill jiltaqgha maghhom.<br><br>- Permezz ta' Cirkolari numru 10/2019 mibghuta mid-Dipartiment tal Gvern Lokali fid-19 ta' Gunju 2019, il-Kunsill gie nfurmat bis-suggett Devoluzzjoni Lokali – Memo 25/1999. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat il-process legali sabiex ic-Centru Edukattiv devolut lil-Kunsill ikun ukoll temporanjament ghassa tal-Pulizija, hekk kif mitlub mill-Kunsill. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera gie deciz li l-Kunsill ghandu jkellem lill-Ministru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali sabiex tinstab soluzzjoni. |

| | |
|---|---|
| | - Permezz ta' Cirkolari *SPI/SCI/* 10/2019 datata 20 ta' Mejju 2019 mibghuta mid-Direttorat ghall-Gvern Lokali, Strategija u Implimentazzjoni ta' *Policy* il-Kunsill gie nfurmat bi Skema Finanzjarja – Zvilupp ta'Libreriji / Regjonali f'Centri tal-Komunita'. Il-Kunsill wera nteress f'zewg inizjattivi wahda ssuggerita mil-*Malta Libreries* u l-librara biex tinxtara VR *System* u l-ohra li jinxtraw CDs ta' Wirt Marsaxlokk, ghaldaqstant ittiehed vot unanimu bejn il-Kunsilliera. Il-Vici Sindku Elenia Desira, l-Kunsillier Janice Chetcuti u l-Kunsillier Daniel Zerafa ivvutaw favur li tinxtara l-VR *System* filwaqt li s-Sindku Steven Grech u l-Kunsillier Stephen Caruana ivvutaw favur is-CDs ta' Wirt Marsaxlokk. Ibbazata fuq din il-votazjoni gie deciz li l-kunsill juza l-iskema sabiex tinxtara l-VR *System*.<br><br>- Permezz ta' Cirkolari *SPI* 10/2019 datata 16 ta' Mejju 2019 mibghuta mid-Direttorat ghall-Gvern Lokali, Strategija u Implimentazzjoni ta' *Policy* il-Kunsill gie nfurmat bl- *LC CARE Project* li hija Skema ta' Finanzjament ghall-Gvern Lokali ghall-Kura tal-Annimali fil-Komunita'. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsiliera gie deciz li l-Kunsill japplika ghall-iskema li hi bbazata fuq hames snin.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 6 ta' Lulju 2019 mingħand Transport Malta l-Kunsil gie nfurmat li rezidenta infurmathom li l-Kunsill kien se jnehhi ir-*Reserved Parking Bay* li ghandha quddiem ir-rezidenza taghha. Wara diskussjoni libera gie deciz li l-Kunsill ghandu jikkomunika ma' Transport Malta sabiex ikun jaf x'gara ghar-raguni li listess Kunsill qatt ma ha din it-tip ta' decizjoni fil-konfront tar-rezidenta.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 4 ta' Lulju 2019 mingħand il-Ministeru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali l-Kunsil gie sabiex jipartecipa fil-*Pink October*. Wara diskussjoni libera gie deciz li bhal kull sena l-Kunsill jippartecipa.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 4 ta' Lulju 2019 mingħand rezident il-Kunsill gie nfurmat li parti mill-bankina fi Triq Melqart hija mkissra mhabba tibdil ta' *cables* li kienu saru. Wara diskusjoni libera gie deciz li l-Kunsill iwassal dan l-ilment lil Enemalta.<br><br>- Permezz ta' Cirkolari *SPI /SCI/*12/2019 datata 5 ta' Lulju 2019 mibghuta mid-Direttorat ghall-Gvern Lokali, Strategija u Implimentazzjoni ta' *Policy* il-Kunsill gie nfurmat bi Skema dwar Restawr ta' Postijiet / Monumenti Storici f'Malta. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera gie deciz sabiex il-Kunsill jara hux vijabbli li japplika u jirrestawra Torri Vendome.<br><br>- Il-Kunsill Lokali iddiskuta l-applikazzjonijiet għal żvilupp bin-numri:<br><br>PA/05112/19, PA/04933/19, PA/04922/19, PA/02746/10, PA/04744/19, PA/04580/19, PA/07000/16, PA/02213/19, PA/02533/19, PA/04313/19.<br><br>Ġie deċiż illi ma kellha tinstab ebda oġġezzjoni għall-applikazzjonijiet imsemmija hlif ghal dawk innumerati PA/05112/19, PA/07000/16 li għalihom il-Kunsill Lokali kellu joġġezzjona. |
| 2.6 | Mozzjonijiet |
| 2.6.1 | Ma kienx hemm. |

| | |
|---|---|
| 2.7 | Pjan ta' Hidma 2019 – 2024 |
| 2.8.1 | Is-Sindku nforma l-Kunsilliera prezenti li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv irid jibda' l-Ippjanar tal-Pjan ta' Hidma 2019 – 2024 hekk kif mitlub skond il-ligi. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsilliera li meta jibghatu l-*feedback* taghhom hi tkun tista' tiddiskuti ma' l-*Accountant* jekk hux vijabli finanzjarment u wara tkun tista' tinzamm il-laqgha ghall-pubbliku. |
| 2.8 | Bye-Laws |
| 2.8.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsiliera bl-emendi li hemm bzonn isiru fil-*Bye-Laws* ghaldaqstant iddiskuta mal-ispettur x'hemm bzonn jinbidel. Is-Sindku spjega li l-*Bye-Law* tal-iskalin trid tigi diskussa mal-koperattivi tas-Sajd qabel ma' jsir xi tibdil. |
| 2.9 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti |
| 2.9.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 7/19) għall-approvazzjoni. |
| 2.9.2 | Fuq mozzjoni tas- Sur Stephen Caruana, issekondata minn Sa Elenia Desira, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| 2.9.3 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali il-lista ta' *Petty Cash* maħruġ matul ix-xahar ta' Gunju 2019 għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 2.10 | Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss |
| 2.10.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali intemmet fit-8:45pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 6 ta' Awwissu 2019 fil-5:00pm. |

Konfermati, illum 8 ta' Lulju 2019.

IFFIRMATA

_________________
Steven Grech
Sindku

IFFIRMATA

_________________
Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv